Seduta tal-20 ta` Jannar, 2004

Numru 1009/2003

Il-Pulizija (Spt. Louise Calleja)

Vs Fabian Sciriha,

iben Francis,

imwieled Pieta`

fit-18 ta` Mejju, 1985

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat talli fis-Siggiewi u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, f'Dicembru, 2003, u fix-xhur ta` qabel b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda –

1. Talli b'eghmil zieni kkorrompa lil Omissis, minorenni ta` tlettax il-sena;
2. Talli kkometta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess Omissis, minorenni ta` tlettax il-sena;
3. Talli fis-Siggiewi, ikkommetta serq ta` diversi oggetti mill-fond numru Omissis, liema serq hu kkwalifikat bil-persuna u bil-lok u li sar ghad-dannu ta` l-imsemmija Omissis u/jew Omissis;
4. Talli fl-istess perjodu, fil-Hamrun, bil-hsieb li jikkommetti reat, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar grajja kimerika, u dan biex jaghmel qliegh bi hsara ta` haddiehor, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;
5. Talli fl-istess perjodu fuq imsemmi, xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta, kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
6. Talli fis-Siggiewi u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, saq vettura, bin-numru tar-registrazzjoni Omissis, minghajr licenzja tas-sewqan, b'hekk ma kienx kopert b'polza ta` assikurazzjoni ghar-riskji ta` terzi persuni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali ezebita fis-seduta tas-16 ta` Dicembru, 2003, fejn ta l-kunsens tieghu biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta` Dicembru, 2003, fejn l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Semghet lill-avukat tal-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Ghaldaqstant, ma ssibx lill-imputat hati tal-hames akkuza migjuba kontra tieghu u ghalhekk tilliberah minn tali akkuza. Issibu hat ital-akkuzi l-ohra migjuba kontra tieghu. Rat l-artikoli 203 (1), 41 u 308 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 3 (1) (2) (a) (2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta` Malta. Tikkundannah ghal piena ta` sentejn prigunerija izda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tordna li tali sentenza ma ssehh hlief jekk fi zmien erba` snin mil-lum l-imputat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija. Rat l-artikolu 28G u tordna l-hrug ta` ordni ta` Supervizjoni ghal zmien erba` snin mil-llum that il-harsien tal-Probation Officer Marietta Lanzon. Inoltre, tinibixxi lill-imputat li jottjeni kwalunkwe licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-llum.